MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2012

Appell Kriminali Numru. 221/2011

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Michael Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant detentur tal-karta tal-identita` numru 737249(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli għax-xahar ta' Novembru, 2010, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jagħti lil martu Maria Rita Mifsud u/jew lil uliedu s-somma fix-xahar iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment ghaliha w/jew ghall-ulied fi żmien 15-il-jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 ta' Mejju, 2011, li biha wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq

ammissjoni sabet lill-appellant ħati u għaldaqstant ikkundannatu ġimgħa detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-12 ta' Mejju, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermha fil-parti tar-reita' u tħassarha fil-parti tal-piena billi minflok tiġi mposta piena jew sanzjoni oħra li tkun aktar ekwa għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti u cioe':-

Illi fil-kaz odjern jeżistu fatturi li jimmilitaw favur temperament fil-piena nflitta mill-Ewwel Qorti. Fost affarijiet oħra l-appellant jixtieq jippuntwalizza illi :

a. jidher li ma ngħatax piż biżżejjed għall-fatt li għalkemm l-appellant jaf li jrid jadempixxi l-obbligu tieghu pero` l-introjtu tiegħu jiddependi mill-fatt li huwa jiddependi li jħallsuh terzi u għalhekk jekk ma jitħallasx, huwa ma jistax ihallas u jonera l-obbligi tiegħu kif huwa jrid u jixtieq li jagħmel;

b. illi fis-seduta l-appellant ħallas akkont ta' dak li seta' jħallas u għad fadallu bilanċ xi jħallas;

c. illi kien hemm l-ammissjoni bikrija tal-appellant li ma kienx assistit.

Rat li l-appellant ta dak li kellu jaghti lil martu għal Novembru, 2010 b'dan pero` li l-ammont tnaqqas mill-ammont moghti l-bierah stess għal perjodu ieħor u għalhekk għal dan il-perjodu l-appellant għandu jħallas dak li tnaqqas għal Novembru 2010. Dan jimxi mal-prinċipju tal-Kodiċi Ċivili li fl-approprijazzjoni tal-pagamenti jitqiesu bħala mħallsa d-djun l-aktar antiki.

Ghalhekk il-Qorti qed tilqa` l-appell limitat dwar il-piena u qed tirriforma s-sentenza billi tikkonfermha fejn sabet lill-appellant ħati tal-akkuża dedotta kontrih u qed tirrevokha fejn ikundannatu ġimgħa detenzjoni u minflok qed tikkundannah iħallas amenda ta’ €50.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------